KUNSILL LOKALI VALLETTA

VALLETTA

Città Umilissima

VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 21**

It-Tlieta 4 ta' Novembru 2014, fis-7.30pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Raymond Azzopardi, Il-Kunsillier Raymond Attard, Vincent Farrugia Lauri u Vincent Fabri. L-Ambaxxatur Jurgen Briffa kien preżenti wkoll.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 20 li saret nhar It-Tlieta 14 ta' Ottubru 2014, fis-7.00pm kienu ikkonfermati.

Is-Sindku s-sospenda l-laqgħa biex Dr Aaron Farrugia, Candidat ġdid għall-elezjoni generali li jmis għamel żjara ta' kortżija. Dr Farrugia informa lill-kunsillieri preżenti dwar il-ħidma tiegħu fosthom mat-tfal u l-anzjani. Tkellem dwar fondi ewropej, u kif se jkun hemm sinerġija bejn il-kunsill u l-għaqdiet.

Is-Sindku rringrazzja lil Dr Farrugia u wegħdu s-support tal-Kunsill fuq inizjattivi ta' gid ghal-Belt.

**1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-applikazzjoni ta' Sump qed tiġi evalwata.

1.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li qed issiru laqgħat mal-greenpak biex il-kampanja tkun konġunta w jkollna kampjana kemm mal-kommunita kummerċjali u dik residenzjali.

**2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar il-laqgħa li kellu mal-Ministru Dr Zammit Lewis.

2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li kellu laqgħa mad-Direttur tal-Public Cleansing Ramon Deguara dwar dwar il-bins il-ġodda li ser isiru fiċ-ċentru tal-Belt Valletta.

2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma wkoll li tkellmu dwar il-World Tourism Federation li din is-sena ser issir fil-Marokk biex naħdmu f'sinergija.

2.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li kellu laqgħa dwar CVA.

2.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ltaqgħa ma' l-artist franċiż li għamel diversi tpingijiet ma' letterboxes tal-Maltapost u postijiet prominenti.

2.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ssejħet laqgħa mal-Kumpanija Mc Donalds biex jiddiskuti l-problema ta' l-iskart li qed ikun hemm fil-weekend fiċ-ċentru pedonali.

**3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 Il-Viċi Sindku Christian Darren Micallef tkellem dwar il-kas ta' Melita street u nforma li ltaqa ma dan ir-resident li kien għamel l-ilment nforma ukoll li din il-propjeta daqt ser tibda tigi użata bħala boutique apartments. Sar qbil li jsir mc bays biex ma jintilef l-edba parking.

3.2 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li fl-istess area hemm bzonn refreshing kif ukoll li jsiru double yellow lines kantuniera fejn hemm Cafe de Baron dan għaliex qed ikun diffiċli għan-nies biex iduru bil-karozza.

3.3 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li fl-area ta' wara St. James Cavalier jistgħu (MC) jiżdiedu parking bays. Kif ukoll isir refreshing ta' l-ewwel biċċa ta' Triq San Pawl. Sar qbil li titneħħa l-ironbar li hemm quddiem it-Times of Malta biex persuni li jipparkjaw hemm jkunu jistgħu joħorgu mill-karozza minajr diffikulta'.

3.4 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li hemm bzonn li jsir xi treatment għal bankina ta Triq Santa Lucija bejn Old Bakery Street sa West street.

3.5 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li hemm bzonn li jsiru double yellow lines fin-niżla

3.6 Il-Kunsillier Vincent Farrugia Lauri nforma li hemm bzonn li jsir rapport mal-pulizija minħabba li zgħazagħ qed jitfgħu xi ġebel għal ġo ditch.

## 4. KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR

NIL

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Korrispondenza min għand l-Malta Employers Association biex jinqaleb il-parking minħabba li hemm problema fil-bini tagħhom li jagħmel l-propjeta' mhux aċċessibli. Sar qbil li jinqaleb il-parking man-naħa l-oħra tat-triq.

5.2 Korrispondenza min għand La Valette għal quddiesa u riċeviment biex tigi ċċelebrata l-140 sena mit-twaqqif tagħha.

5.3 Korrispondenza min għand Mr Ramon Peyre li għandu propjeta 62, Triq Santa Lucija biex issir bollard minħabba li m'għandux aċċess biex jidħol fil-propjeta' tiegħu.

## 6. AMMINISTRAZZJONI

6.1 Nfurmat li qed titlob biex il-Vacation leave (96siegħat) jigu trasferiti għas-sena d-dieħla peress li minħabba natura ta' xogħol ma setax jittieħed. Il-Kunsill qabel dwar dan.

6.2 Nfurmat li kellha laqgħa mal-head tal-customer care tal-Ministeru tat-Turizmu dwar signage ġdid li ser isir fiċ-ċentru għal ferry f'Marsamxett.

6.3 Nfurmat li l-ETC bgħat lil Malcolm Bezzina fuq skema. Malcolm ser ikun qed jgħin fl-amministrazzjoni.

6.4 Nfurmat li d-dipartiment qed jagħmel Course għas-Segretarji Ezekuttivi. Għalhekk darba fil-ġimgħa ser tkun qed tattendi l-course.

6.5 Preżentat l-evaluation report tat-Tender Online Steaming. Il-Tender intrebaħ min *Correct Termination Limited* - € 2, 271.50.

**TMIEM**

Il-Kunsillier Ray Azzopardi kellu jitlaq fit-8.00pm minħabba raġuni ta' xogħol u nforma lis-Segretarju Ezekkutiv li mhux aċċettabli li din il-laqgħa tibqa ssir f'dan il-ħin.

Il-Kunsillier Ray Attard kellu jitlaq fit-8.30pm minħabba raġuni ta' xogħol

Fl-21.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tlieta 2 ta' Diċembru 2014 fit - 19:30hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku